MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 509/2003

**Peter Camilleri & Sons Limited**

**Vs**

**Lino Caruana u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2004 quddiem l-isem Lino jidhlu l-kliem Carmel sive**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm1,362.77c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut li baqghet ma thallsitx.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb preliminarjament in-nullita tan-notifika in vista li huwa ma jismux Lino Caruana izda Carmelo Caruana u preliminarjament ukoll il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu

2148 (a) tal-Kodici Civili u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li kwalunkwe somma dovuta tkun pacuta b'materjal u fil-fatt hekk sar.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa esagerat.

Ra illi l-ewwel eccezzjoni (dwar l-isem) giet irtirata u li fit-30 ta' Marzu 2004, intalab korrezzjoni ta' l-isem biex quddiem il-kelma 'Lino' jidhlu l-kliem 'Carmelo sive', liema talba giet akkolta.

Sema' x-xhieda ta' Joe Camilleri, Gerald Camilleri u tal-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Joseph Zammit ghas-socjeta' attrici u Dr Joanne Vella Cuschieri ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet tbiegh lill-konvenut, li jahdem bhala mastrudaxxa, konsenji ta' njam u jirrizulta wkoll illi fil-fatt il-konvenut ghamel xi xoghol ghall-beneficcju tas-socjeta' attrici u li dan ix-xoghol kellu jaqta' *(set-off)* parti mill-kont mitlub mis-socjeta' attrici.

Effettivament m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet fuq l-ammont li ghandu jopera bhala *set-off* jigifieri s-somma ta' elfejn mija u hamsa w erbghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm2,145.42c) – hlief ghal xi tlett mija u disgha w erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm349.60c) li dwaru jinghad aktar 'il quddiem, izda m'hemmx qbil bejn il-partijiet fuq l-*invoice value* pendenti u ghalhekk tidhol il-kwistjoni ta' konteggi li se jsir aktar 'il quddiem f'din is-sentenza minn dan it-Tribunal.

Fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-konvenut qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici

Civili li jirrigwarda azzjonijiet ta’ hajjata, mastrudaxxi, bennejja, etc ghal xogholhom u l-materjal minnhom provdut.

It-Tribunal jidhirlu li l-Artikolu citat mill-konvenut m’huwiex applikabbli ghall-kaz odjern stante illi l-ammont mitlub mill-atturi huwa rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha.

Illi inoltre, jirrizulta li bejn il-partijiet kien hemm *a running balance* fis-sens illi l-konvenut ma kienx jaqbad u jhallas l-*invoices* kif jigu wiehed b’wiehed izda kienu jingabru kontijiet u mbaghad ikun hemm pagamenti akkont u fl-istess hin anki l-konvenut ghamel xoghol ghall-beneficcju tas-socjeta’ attrici u jinqata’ mill-pendenzi.  Taht dawn l-aspetti zgur wiehed ma jistax jinghad li dan huwa kaz ta’ bejgh semplici izda r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet kienet aktar komplikata.

Konsegwentement l-eccezzjoni fuq il-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-mertu proprju tal-kawza jigifieri x’kienet l-entita’ tal-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, stante li hemm kontestazzjoni, t-Tribunal ezamina l-*invoices* relattivi w anki ezamina l-kontenut tal-ktieb li jzomm l-istess konvenut meta kien jircievi x-xoghol jew il-flus.  L-*entries* li ghandu l-konvenut fil-ktieb huma bejn April 2000 u Settembru 2001.

Minn ezami tad-dokumenti esebiti cjoe’ mill-*invoices* esebiti hemm *invoices* li fuqhom hemm il-firma tal-konvenut entro dan it-terminu u li fuqhom m’hemmx *corresponding entry* fil-ktieb esebit mill-konvenut u konsegwentement it-Tribunal ma jistax jaccetta bhala verosimili l-affermazzjoni tal-konvenut li kull meta l-atturi kienu jikkonsenjaw ix-xoghol kien johrog *invoice* minn fuq il-ktieb minnu msemmi.

Stabbilit il-premess pero’ t-Tribunal kellu jiehu l-isbriga sabiex jezamina dawk l-*invoices* minn Novembru 2000 ‘il

quddiem li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna. Hekk per ezempju:

- Invoice tat-13 ta' Gunju, 2001 – elf mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1,224.40c). Fuq dan l-*invoice* hemm nota li l-konvenut hallas sitt mija w erba' liri Maltin (Lm604).

- Hemm *invoice* iehor bil-firma tal-konvenut tat-12 ta' Gunju, 2001 fl-ammont ta' seba' mija w erba' liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm704.15c).

- *Invoice* iehor tas-26 ta' Marzu, 2001 ghal hames mija u zewg liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm502.55c)

- *invoice* iehor ta' tmien mija u tmienja u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm898.50c)

- L-ahhar zewg *invoices*, wiehed tat-28 ta' Lulju, 2000 ta' elf u wiehed u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,081.70c) u iehor tas-6 ta' Novembru, 2001 fl-ammont ta' disa' mitt lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm900.59c).

Inoltre, minn ezami tad-dokument a fol 72 tal-process jirrizulta wkoll li apparti 'l fuq imsemmi pagament ta' sitt mija w erba' liri Maltin (Lm604), il-konvenut hallas tmien mitt lira Maltin (Lm800) f'Jannar 2001 u erba' mitt lira Maltin (Lm400) f'Marzu 2001 biex b'hekk jigi l-bilanc ta' tlett elef hames mija u seba' liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm3,507.89c).

Jekk wiehed inaqqas is-somma ta' elfejn mija u hamsa w erbghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm2,145.42c) bhala s-*set-off* fuq imsemmi jigi bilanc ta' elf tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm1,362.47c).

Issa l-konvenut donnu qed isostni li hemm *invoices* antiki li gew addebitati lilu li m'ghandhomx jidhlu fil-konteggi w

inoltre jsostni li hemm pagament ta' Gunju 2000 ta' tlett mija u disgha w erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm349.60c) fi flus kontanti li jichad li rcievihom.

It-Tribunal jidhirlu illi din l-affermazzjoni tal-konvenut assolutament ma tirrizultax.

Minn ezami tad-dokumenti esebiti l-pozizzjoni ta' l-atturi giet debitament ippruvata u korroborata. Sahansitra gie anki esebit estratt mil-*ledger* mizmum mis-socjeta' attrici li fost affarijiet ohra ssemmi *invoice* li gie attwalment kreditat favur il-konvenut ta' elf u erbgha u sebghin lira Maltin (Lm1,074) li attwalment il-konvenut lanqas biss kien nizlu fil-kotba tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jidhirlu li t-talba attrici kif dedotta giet debitament ippruvata hlief ghal diskrepanza zghira ta' tletin centezmu (Lm0.30c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jichad ukoll il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici ghas-somma ta' elf tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm1,362.47c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------